**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 16 ta' Novembru 2001**

**Numru 16**

**Citaz. Nru. 1048/96 FDP**

**Formosa & Camilleri Ltd. Bhala agenti Malta tas-Socejta` Guardian Royal Exchange plc *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Carmelo Gauci Limited**

**Vs**

1. **W.J. Parnis England Limited agenti Malta ta' Utopia Maritime Co. Sa Tegucigalpa (Honduras) armaturi/ proprjetarji tal-vapur Domna Maria;**
2. **The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tad-29 ta' Marzu 1996 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` Carmelo Gauci Ltd importat gewwa Malta fuq il-bastiment MV Domna Maria konsenja ta' 21 *pallets chipboard* li waslet Malta fil-11 ta' Lulju 1995;

Illi din il-konsenja giet ikkonsinjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok A (*Survey report*);

Illi ai termini tal-polza ta' Assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu hu kellu jindemnizza lill-assikurat tieghu tad-danni u n-nuqqasijiet li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assikurat;

Illi l-attur jikkwantifika dan in-nuqqas u danni riportati fil-merkanzija ta' l-assikurat tieghu fl-ammont ta' tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm366.40) li maghhom jizdied l-ammont ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm56) bhala *survey fee* ghalhekk danni totali sofferti mill-attur ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm422.40);

Illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet u danni;

Talbet ghalhekk is-soscjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqasijiet u danni fil-merkanzija ta' l-assikurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm422.40;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm422.40 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr. Simon Micallef Stafrace fil-kwalita` tieghu ta' rapprezentant tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta W.J. Parnis England Limited fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront taghha ghandhom jigu respinti stante li l-merkanzija giet

ittrasportata taht kundizzjonijiet FIOS (Free In and Out Stowed) kif jirrizulta mill-polza ta' kariku esebita bhala Dokument G mac-citazzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq eccepit il-merkanzija twasslet sal-moll minghajr nuqqasijiet u/jew hsarat kif jirrizulta mit-*Tally sheets* u l-*cargo receipt* esebiti bhala Dok JB1 sa JB8;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Bowman ghan-nom tas-socjeta` W.J. Parnis England Limited, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut *nomine* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija *de quo* giet sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsara kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheets;

2. Illi fit-tieni lok il-konvenut Godwin Abela *nomine* jissolleva li ma kienx fi kwalunkwe kaz risponsabbli ghal kwalunkwe hsarat u nuqqas allegati mis-socjeta` attrici u dana ai termini tar-Regolament numru 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi wkoll esebit ic-*cheque* li bih sar il-pagament;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm366.40 bhala allegati danni;

5. Illi dwar is-*survey fees* hemm diversi sentenzi li jghidu li tali *fees* mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess (AK 6.2.1992 – Dr. Robert Staines vs Chev. S. Mifsud u Godwin Abela – Citaz Nru 112/86);

6. Illi fis-sitt lok dwar l-imghax (1) dan mhux dovut anqas stante li s-socjeta` esponenti ma gietx interpellata thallas ebda ammont determinat, (2) qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset biss ghaliex sostniet li kienet obbligata thallas taht polza ta' assigurazzjoni;

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Godwin Abela in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici u tas-socjeta` konvenuta W.J. Parnis England Limited, u tosserva li ghalkemm is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited talbet u inghatat il-fakolta li tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha din baqghet inadempjenti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tas-socjeta` attrici u dik konvenuta W.J. Parnis England Limited;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` importatrici Carmelo Gauci Ltd importat gewwa Malta 14-il *pallet MDF Boards* u 7 *pallets chipboards*, liema merkanzija ingarret fuq il-bastiment MV Domna Maria;

Fuq il-polza ta' karigu relattiva (fol 11) il-merkanzija giet iccertifikata bhala "*Clean on Board*", u tnizzlet ir-rimarka li kienet qed tingarr a bazi ta' "FIOS". Fuq in-naha ta' fuq tad-dokument hemm indikat li l-formola tal-polza ta' karigu hija "*to be used with charter parties*",

ghalhekk jirrizulta li l-bastiment kien "*chartered*";

Illi meta l-vapur wasal Malta fil-11 ta' Lulju 1995, gew innutati xi hsarat. A fol 48 tat-Tally Sheet tnizzlet ir-rimarka li kien hemm *bundle* minnhom "*loose & damaged*". It-*tally clerk* li ghamel u ffirma t-*tally sheet* in kwistjoni pero` xehed li kienu tnejn (2) il-*bundles* li kienu *loose* u *damaged* (fol 54). A fol 36 imbaghad hemm esebita l-*cargo receipt* li fuqha tidher ir-rimarka tal-kaptan fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni;

Illi skond ma jirrizulta mill-Gate Pass Out (fol 20), qabel ma x-xoghol gie rilaxxjat lill-importatur gie osservat li kien hemm 21 *pallets* "*of which 2 bundles loose and damaged, of which 1 bundle x 44 pieces only*". Dan id-dokument gie kkonfermat minn Mario Azzopardi, id-*delivery clerk* tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited. Ir-ritratti a fol 19 juru stampa cara tad-danni li sofriet din il-merkanzija;

Illi s-socjeta` attrici, bhala l-assikuratrici tas-socjeta` importatrici indemnizzat lill-istess socjeta` importatrici ghad-danni u nuqqasijiet li sofriet u giet issurrogata fid-drittijiet taghha. Ghalhekk hija istitwiet din il-kawza kontra l-konvenuti sabiex il-Qorti tikunndannhom (jew min minnhom) jaghmlu tajjeb ghad-danni u nuqqasijiet;

Responsabbilta` o meno tas-socjeta` W.J. Parnis England Limited:-

Illi is-socjeta` konvenuta W.J. Parnis England Limited, bhala agent Malta ta' l-armaturi tal-bastiment in kwistjoni, MV Domna Maria, fis-sottomissjonijiet taghha spjegat li bhala regola generali l-bastiment huwa responsabbli ghall-merkanzija li jkun qed igorr sakemm inizzel l-istess merkanzija fuq il-moll u li fil-fatt huwa l-agent tal-bastiment li ssoltu jiehu hsieb iqabbad nies biex jiskarikaw il-merkanzija;

Illi fil-kaz odjern pero`, il-bastiment kien "*chartered*" u ghalhekk il-bastiment garr il-merkanzija fuq bazi ta' FIOS (*Free In and Out Stowed*), u dan kif jidher mill-polza ta' karigu relattiva. Ix-xhud Joseph Bowman, *general manager* tas-socjeta` konvenuta W. J. Parnis England Limited, fl-affidavit tieghu xehed li l-bastiment kellu l-obbligu li jwassal il-merkanzija sal-moll u l-uniku obbligu li kellha s-socjeta` bhala agent kienet li tavza lir-ricevituri li l-vapur wasal u li l-merkanzija setghet tigi irtirata;

Illi kif jidher mir-rimarki tal-kaptan, wara li l-bastiment qeda l-inkarigu tieghu li jwassal il-merkanzija sal-moll, zewg *bundles* tkissru mill-burdnara waqt il-hatt. In-nies li jkunu inkarigati biex ihottu il-merkanzija f'kaz ta' "*chartering*" ma jitqabbdux mill-agenti tal-bastiment u ma jirrizultax li f'dan il-kaz saret xi eccezzjoni ghalhekk ma jirrizultax li s-socjeta` W.J. Parnis

England Limited hija responsabbli ghad-danni li sofriet il-merkanzija waqt il-hatt;

Responsabbilta` o meno tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited:-

Illi jirrizulta li meta l-merkanzija giet skarikata f'idejn il-Cargo Handling Company Limited kien hemm zewg *bundles* "*loose and damaged*". Ma giex pruvat jekk l-iskarikar sarx da parti tal-haddiema tal-port jew tal-haddiema tal-Cargo Handling Company Limited, izda ix-xhud tas-socjeta` konvenuta W.J. Parnis England Limited fl-affidavit tieghu spjega li meta il-garr tal-merkanzija jkun a bazi FIOS, it-tghabija u l-hatt tal-merkanzija huwa l-obbligu ta' l-esportatur u tar-ricevitur rispettivament. Fis-sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` W.J. Parnis England Limited ghamlet riferenza ghal J. Bes fil-ktieb "Chartering & Marine Terms", 10th edition, fejn jghid hekk:

*"The expression free in and out means it is the reponsibility of the charteres to load, or the consignees to discharge, the cargo for their respective account."*

Illi l-"*consignee*" f'dan il-kaz hija s-socjeta` importatrici u ghalhekk fl-assenza ta' prova kuntrarja, il-Qorti ser tikkunsidra li l-hatt tal-

merkanzija sar mis-socjeta` Carmelo Gauci Limited u allura jsegwi li l-hsarat li gew innutati fuq iz-zewg *loose bundles* ghandha ssofrihom hi;

Illi fil-Gate Pass Out, minbarra z-zewg *loose & damaged bundles*, gie innutat li kien hemm *bundle* li kellu n-nieqes ghax kellu 44 bicca biss. Mis-Small Claim Information Form (fol 5) jirrizulta li n-nuqqas kien jikkonsisti f'6 *boards* ta' valur ta' ESP26241.80 li bir-rata ta' ESP344.708 ghal kull Lm1, jammontaw ghal sitta u sebghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm76.13);

Illi huwa ovvju li dawn il-*boards* sparixxew waqt li kienu fil-kustodja tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited u ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-istess socjeta`;

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Cargo Handling Company Limited, u cioe` li l-merkanzija giet sbarkata bil-hsara, din hija attendibbli fil-konfront taz-zewg *bundles* li kienu *loose* u *damaged*. Jibqa' l-fatt li sehhew in-nuqqasijiet waqt li l-merkanizija kienet fil-kustodja tas-socjeta`;

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, u cioe` ir-Regolament numru 86 dwar il-Portijiet (1966), dan ma japplikax ghall-kaz peress li l-*bundles* li l-Cargo Handling Company Limited hija responabbli ghan-nuqqas taghhom ma kinux ta' xorta difettuza jew fi stat ta' tixrid;

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, u cioe` li ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni u wkoll ic-*cheque* li bih sar il-pagament, il-Qorti ma tarax li dan huwa necessarju ladarba hemm id-dikjarazzjoni guramentata tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici li jikkonferma li s-socjeta` importatrici giet indemnizzata ghad-danni/nuqqasijiet, u anke s-Subrogation Form da parti tas-socjeta` importatrici;

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni, li ghandu jigi pruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm366.40, il-Qorti taghmel riferenza ghat-*tergo* tas-Small Claim Information Form (fol. 5) li turi *breakdown* tad-danni u nuqqasijiet kif ukoll ghall-fatturi esebiti a fol 6 sa 9 tal-process;

Illi dwar il-hames eccezzjoni, u cioe` li s-*survey fees* mhux dovuti, il-Qorti tirrileva li s-*survey* huwa necessarju sabiex jigu maghrufin id-danni/nuqqasijiet. Ovvjament il-Cargo Handling Company Limited mhix ser tigi kkundannata taghmel tajjeb ghas-*survey fee* fl-ammont intier tieghu izda biss in proporzjon ghad-danni li ghalihom hija responsabbli u cioe` fil-proporzjon ta' wahda minn hames partijiet (1/5), u ghalhekk hdax-il lira Maltin (Lm11);

Illi dwar l-imghax, dan ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba limitatament u tiddikjara lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited responsabbli ghal parti mid-danni, filwaqt li tillibera lis-socjeta` konvenuta W.J. Parnis England Limited mill-osservanza tal-gudizzju;

Tilqa' t-Tieni Talba limitatament fis-sens li tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici li ghalihom ghandha taghmel tajjeb is-socjeta` The Cargo Handling Company Limited fl-ammont ta' Lm87.13 (sebgha u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu [Lm76.13 + Lm11 *survey fees]*);

Tilqa' t-Tielet Talba limitatament fis-sens li tikkundanna lill-istess socjeta` The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' sebgha u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm87.13).

L-ispejjez u interessi legali jithallsu parti wahda minn hamsa (1/5) mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited u erba' partijiet minn hamsa (4/5) mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur